

# ĦARSA LEJN IL-KTIEB TAL-GĦANJA TAL-GĦANJIET

**_Fr Charles Buttigieg_**

*"Kollok sabiħa, ja maħbuba tiegħi, u tebgħa fik ma hemmx."*

*(Għan 4:7)*

## Il-Ktieb tal-Għanja tal-Għanjiet

Il-Ktieb tal-Għanja tal-Għanjiet huwa wieħed mis-sebaʼ kotba tal-għerf li nsibu fl-Antik Testment. L-isem tal-ktieb bil-Lhudi *xir ħaxxirim* u proprju għanja taʼ imħabba (bl-ebrajk: *ahavah* u bil-grieg: *agape*) bejn l-għarus u l-għarusa tiegħu, imħabba bejn żewġ żgħażagħ fl-aħjar tagħhom, liema imħabba trid tirrifletti l-imħabba taʼ bejn Alla u l-bniedem u wkoll fil-Ġdid Testment l-imħabba taʼ Kristu għall-Knisja tiegħu; " … ibusni bil-bewsiet taʼ fommu. Imħabbtek hija oħla mill-inbid; fwiħatek fihom għaxqa għar-riħa tagħhom, ismek żejt li jitferragħ, għalhekk iħobbuk lilek ix-xebbiet. (Għan 1:2-3). Il-ktieb inkiteb madwar it-tielet seklu Q.K., għaliex fih kliem taʼ nisel grieg u dan minħabba l-influwenza ellenistika. L-awtur ipoġġi l-kitba tal-ktieb taħt l-għerf taʼ Salamun biex il-ktieb jikseb mill-ewwel dik l-awtorità mixtieqa mill-awtur sagru. Infatti huwa msejjaħ ukoll bħala l-Għanja taʼ Salamun. Rabbi Aqiba tal-ewwel seklu W.K. iqis il-ktieb bħala l-eqdes fost il-kotba qaddisa. Ir-rabbini kienu jipprojbixxu l-qari tal-ktieb għal dawk li kienu għadhom ma għalqux it-tletin sena minħabba s-sentimenti taʼ mħabba li fih il-ktieb. L-għarus huwa Salamun u l-għarusa Sulammita.

## L-Għarus u l-Għarusa

Il-ktieb fih madwar tletin poeżija li jiffurmaw sitt għanjiet taʼ djalogi bejn l-għarus u l-għarusa tiegħu, fejn naraw din l-istess imħabba tikber u timmatura sakemm tasal għall-milja tagħha. Nimmaġinaw li hija mħabba bejn raġel sempliċi (aktarx ragħaj) u mara sempliċi (xebba sabiħa) li jagħżlu lil xulxin u li ma jħallu xejn jew lil ħadd jifridhom minn din l-imħabba taʼ bejniethom. Huma jinħabbu tant maʼ xulxin u jesprimu din il-hena taʼ din l-istess imħabba bʼdawn il-kelmiet: "Inti sraqtli lil qalbi, għarusa tiegħi, int straqtli lil qalbi, sa bʼħarsa waħda tiegħek, sa bʼwaħda biss mill-ġawhar taʼ fuq għonqok! Imħabbtek kemm hi ħelwa, oħti għarusa, kemm hi aħjar imħabbtek mill-inbid! Riħet fwiħatek oħla minn kull balzmu! Xofftejk, għarusa tiegħi, qattru għasel safi, u taħt ilsienek għasel u ħalib. Riħet l-ilbiesi tiegħek bħal dik tal-Libanu" (Għan 4:9-11). L-għarusa fʼdan il-ktieb hija s-simbolu taʼ Iżrael bħala l-maħbuba tal-Mulej. Hija mxebbha ukoll maʼ debba, mal-ġilju, maʼ ħamiema u maʼ palma; "Lid-debba tiegħi fʼkarru tal-Fargħun marbuta imxennaq jiena, ja maħbuba tiegħi." (Għan 1:9). Il-maħbub huwa





mxebbah mal-mirra, ma' tuffieħa, mal-ward u maċ-ċerv; "Il-maħbub tiegħi għanqud ward tal-henna fid-dwieli ta' Għajn-geddi." (Għan 1:14)

## Messaġġ attwali

Dawn il-poeżiji ta' imħabba li nsibu fil-ktieb juruna fuq kollox il-post tal-imħabba u ż-żwieġ fil-pjan tas-salvazzjoni ta' Alla. It-temi ta' mħabba u ż-żwieġ huma ferm qawwija f'dan il-ktieb. Imħabba mmirata lejn il-familja, lejn żwieġ monogamiku bejn raġel wieħed u mara waħda u li din l-imħabba ma tintemm qatt fil-familja. Insibu messaġġ attwali għall-familja ta' kull żmien.

Il-ktieb juri fuq kollox li għandna nagħrfu lil Alla l-ewwel u qabel kollox sabiex inħobbuh u nħallu din l-imħabba tiegħu tikber fina. Din l-imħabba tgħaddi minn diversi esperjenzi imma għandha tibqa' dejjem soda u qawwija; "Qegħdni bħal siġill fuq il-qalb tiegħek, siġill fuq id-driegħ tiegħek, għaliex bħall-Mewt qawwija l-imħabba; daqs Art l-Imwiet hi kiefra l-għira; ix-xrar tagħha xrar tan-nar, nar tal-Mulej. Ilmijiet kbar m'huma sa jaslu qatt biex jitfu l-imħabba lanqas ix-xmajjar ma jġorruha magħhom. Il-bniedem li jrid jagħti l-ġid kollu ta' daru biex jixtri l-imħabba tmaqdir isib." (Għan 8:6-7)

## Biblijografija


Adams, S.L.,. *Wisdom in Transition: Act and Consequence in Second Temple Instructions*. Supplements to the Journal for the Study of Judaism 125, Leiden 2008.

Agnew, U., Flanagan, B., Heylin, G. (eds.), With Wisdom Seeking God. The Academic Study of Spirituality, Leuven 2008.

Guinan, M.D., "Images of God in the Wisdom Literature", in *The Bible Today* 38 (July 2000) 223-227.

Maier, M.P., *Il Cantico dei cantici: poesia erotica o metafora religiosa?*, Roma 2012.

Meynet, R., *L'Analisi Retorica*, Brescia 1992.

Noam, V., "The Origin of the List of David's Songs in 'David's Compositions.'" in *Dead Sea Discoveries* 13/2 (2006) 134-149.

Stoop-van Paridon, P.W.T., The Song of Songs. A Philological Analysis of the Hebrew Book, Leuven 2005.